**12 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Giuseppe Cassar

**Demenza — Appell.**

*Digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni, li bih il-Maġistrat, wara li jkun ikkonstata li mir-rapport tal-periti psikjatri jirriżulta li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat, u għalhekk jibgħat l-atti/jiet tal-*

*kumpilazzjoni lill-Attorney General u jordna li l-imputat jinżamm taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u li b'dan jiġi mgħarraf il-Gvernatur, ma hux appellabbli; u dan għad-differenza tal-każ fejn digriet simili jiġi mogħti mill-istess Qorti bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura.*

Dan hu appell minn digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, mogħti fil-25 ta' Jannar 1960, li bih dik il-Qorti, wara li kkonstatat li mir-rapport tal-periti psikjatri kien jirriżulta li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat, ordnat li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jinbagħtu lill-Attorney General fiż-żmien preskritt mil-liġi (art. 413(3) Kap. 12), u ordnat li l-imputat jinżamm taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u li bla dewmien jiġi mgħarraf b'dan l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur għat-termini tal-art. 619 ibid.;

L-imputat issa qiegħed jitlob li din id-deċiżjoni tiġi revokata minn din il-Qorti tal-Appell, billi jiġi dikjarat illi l-proċeduri kollha li saru wara d-digriet tar-remissjoni tat-18 ta' Marzu 1959 huma nulli, u li l-Attorney General kien imissu ssolleva l-eċċezzjoni tad-demenza fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina, biex din tiġi diskussa u deċiża mill-ġurati skond il-liġi;

Fid-dibattitu quddiem din il-Qorti (ara verbal fol. 313 tal-proċess) l-Attorney General issolleva l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità tad-digriet, ossija deċiżjoni, li minnhom sar l-appell;

Trattata l-eċċezzjoni, din il-Qorti kkunsidrat;

Id-deduzzjoni preġudizzjali tal-Attorney General hi sostnuta mill-ġurisprudenza paċifika u kostanti ta' din il-Qrati, bażata "a sua volta" din il-ġurisprudenza fuq dispożizzjonijiet preċiżi u speċifiċi tal-liġi (ara App. Krim, "La Polizia vs. Lorenzo Bonello", Vol. XXV-IV-984; "Pul. vs. Karmnu Cassar", 8 ta' Jannar 1944; "The Police vs. Walter Ham", 31 ta' Ottubru 1949). Divers kien ikun il-każ kieku d-digriet, jew komunkwe deċiżjoni, ġew mogħtija

mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Kien irrileva wisq tajjeb il-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri fis-sentenza fuq ċitata "La Polizia vs. Bonello":— ". . . . nè per le emende ed i miglioramenti apportati a tale legge, per quanto fosse stato esteso il diritto di appellare, si accordò mai un appello dalle decisioni di dette Corti sedenti come Corte di Criminale Istruzione; e lo dimostra l'intestatura del Capitolo III, Titolo III, Parte II, Libro I, delle Leggi Criminali, che tuttora tratta unicamente degli appelli dalle sentenze della Corte della Polizia Giudiziaria cone Corte di Criminale Giudicatura";

Id-difensur tal-imputat, verament, fit-trattazzjoni ma adduċiex ebda argument kontra din il-ġurisprudenza, bażata fuq testi espressi tal-liġi penali, imma pjuttost issottometta konsiderazzjonijiet li talvolta jistgħu jkunu jew ma jkunux apprezzabbli bħala kritika tal-liġi; fis-sens li hu qal li, mentri d-digriet ta' remissjoni tal-imputat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ jista' jiġi mpunjat mill-Attorney General bil-proċedura msemmija fl-art. 414(5) Kap. 12, ebda rimedju simili ma jingħata mil-liġi lill-istess imputat, li ntant, b'dak id-digriet ta' remissjoni tiegħu fl-Isptar fuq msemmi, ikun qiegħed isofri restrizzjoni tal-libertà tiegħu personali;

Forsi dan ir-rifless għandu jiġi temperat bir-rifless l-ieħor li, skond it-tradizzjonijiet legali u liberali maltin, dejjem osservati u rispettati, il-Prosekutur ma għandux ebda nteress naħa jew oħra, imma biss dak tal-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja; u għalhekk wieħed għandu jaħseb li, jekk ikun ta' dik il-fehma, hu jadotta r-rimedju tal-impunjazzjoni fuq imsemmi anki biex jikkontesta l-konklużjoni tad-demenza;

Jista' jkun, però, li "in lege condenda", ikun hemm lok li wieħed jikkunsidra jekk hux il-każ li f'ċirkustanzi simili jingħata wkoll dritt ta' impunjattiva lill-imputat. "In lege condita", però, din il-Qorti ma tistax ħlief takkolji l-

eċċezzjoni tal-inappellabbilità sollevata mill-Attorney General; u għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara l-appell tal-imputat irritu u null.